MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 472/2002/1

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Zaffarese Visual And Display Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm744.66), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Marzu, 2002, fejn intqal:**

**i. illi t-talbiet attrici huma preskritti u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghanda tigi michuda peress li nfondata fil-fatt u fid-dritt;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Busuttil ghas-socjeta` attrici.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Gunju, 2002, li biha gie cedut s-sorte filwaqt li nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**